

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.7692 — Ferrero/Thorntons)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2015/C 249/12)

1. Fit-22 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Ferholding UK Limited (ir-Renju Unit), ikkontrollata minn Ferrero International SA ("Ferrero", il-Lussemburgu), takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll uniku tal-impriża Thorntons PLC ("Thorntons", ir-Renju Unit), permezz ta' offerta pubblika mħabbra fit-22 ta' Ġunju 2015.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal Ferrero: il-manifattura u l-forniment mad-dinja kollha ta' ħelu u prodotti tal-ħelu (pereż. ħelu taċ-ċikkulata, candies, snacks u prodotti tal-ħelu li jiddellku) worldwide,
  - għal Thorntons: il-manifattura u l-bejgħ ta' ħelu taċ-ċikkulata u prodotti oħra tal-ħelu. Barra milli tissupplixxi l-prodotti tagħha permezz ta' bejgiegħa bl-imnut terz, Thorntons hija proprjetarja u tħaddem network ta' ħwienet li jbigħu bl-imnut, l-aktar fir-Renju Unit, li permezz tagħhom hija tissupplixxi l-prodotti ġodda tagħha.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7692 — Ferrero/Thorntons, f'dan l-indirizz:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.